MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 937/2008

**Joe Sammut**
**Vs**
**Hal Far Quarries Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2008 fejn l-attur qal illi fil-vesti tieghu ta' *public accountant* u awditur, kien irrenda s-servizzi professjonali tieghu konsistenti f'awditjar tal-kontijiet finanzjarji ghas-sena 2006 tas-socjeta' konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess socjeta'.

Illi darba zvolt dan l-inkarigu l-attur konsegwentement talab minghand is-socjeta' konvenuta l-pagament fl-ammont ta' tmien mija, erbgha u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€824.60).

Illi madankollu, s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta illi taffetwa tali pagament rapprezentanti l-kumpens ta' l-attur ghas-servizzi professjonali minnu rezi.

Illi ghalkemm informalment u formalment interpellata, s-socjeta' konvenuta baqghet *passive* u

inadempjenti u ghalhekk l-attur kellu jintavola l-prezenti procedure kontra s-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk l-attur talab sabiex il-kumpanija konvenuta tigi dikjarata debitrici versu l-attur fl-ammont ta’ tmien mija, erbgha u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€824.60) liema somma tirrapprezenta servizzi professjonali , hekk kif hawn fuq definit, rezi u ezegwit mill-attur versu s-socjeta' konvenuta u konsegwentement jikkundannaha thallas lill-attur l-ammont indikat.

Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3359/08 ai termini ta’ l-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 13 ta’ Awissu, 2008 bl-imghax dekorribli mid-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettivi kontra s-socjeta konvenuta.

Illi b’risposta pprezentata fil-15 ta’ Jannar, 2009 is-socjeta' konvenuta eccepiet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda l-ispejjez kontra l-attur stante illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha thallsu xejn kif jigi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Xehed l-attur li spjega illi bhala awditur kien involut mal-kumpanija konvenuta mill-incezzjoni tal-Kumpanija mit-tliet persuni fundaturi taghha. Kien ilu jiehu hsieb l-audit tal-*accounts* ta’ kull sena mill-1998. Filfatt ismu jidher anki fil-*memorandum and articles* tas-socjeta' konvenuta bhala awditur involut.

Kull sena kien jaghmel l-audit tieghu u kull sena kien jithallas il-*fees* tieghu. Qabel jaghmel l-*audit* jibghat il-*letter of engagement* kif rikjest mill-ligi u din tigi ffirmata mid-Diretturi u sussegwentement ikompli bl-*accounts*. Il-kwistjoni bdiet fl-*audit* li kellu jibda fit-2007 ghal *accounts* tas-sena 2006. Wara li tlesta l-*audit* u l-*audit program* ghamel ukoll it-testijiet kollha li professjonalment ghandu diskrezzjoni li jaghmel. Pero baqa' ma ffirmax l-*audit* tieghu peress illi kien hemm theddida mill-MEPA li twaqqaf il-permess tal-barriera tas-socjeta' konvenuta u dan minhabba li kien hemm hafna rimi ta’ materjal f’din il-barriera. Hawhekk dahal l-*issue tal-go in concern* u hass illi ma setax jiffirma l-*audit*. Xtaq illi jara kif ser jizviluppaw l-affarijiet. F’dan il-perjodu s-socjeta' konvenuta kellha *loan* sostanzjali mal-banek u allura ma stajtx niffirma fuq *going concern* meta din kienet that theddida mill-MEPA.

Fil-frattemp inqalghet kwistjoni ta’ *share holding* fis-socjeta' konvenuta liema kwistjoni hija mertu ta’ kawza ohra fl-istess ismijiet. Waqt din il-kwistjoni x-xhud jghid illi gie mnehhi minn awditur. Wara li gara hekk hu baghat il-kont ghax-xoghol illi kien ghamel. Ghalhekk l-ammont mitlub huwa l-kont tieghu li huwa l-istess kont ghal kull sena. Dan l-ammont fi tmien snin qatt ma nbidel. Ix-xhud jghid ukoll illi d-Diretturi kienu ffirmaw il-*letter of engagement* u hadd ma qallu illi s-socjeta' konvenuta ma kienitx fi hsiebha tqabbdu bhala awditur taghha.

Permezz ta’ affidavit xehed Gaetano Ciantar. Dan ix-xhud jghid illi hu kien ifforma socjeta' bl-isem Hal Far Quarries Ltd flimkien ma' Frank Schembri u Joseph Vassallo u dan fit-23 ta’ April, 2008. Peress illi l-attur kien kien ghamel hafna xoghol qabel ir-registrazzjoni tas-socjeta' u kien strumentali biex jigi akkwistat self bankarju qawwi mill-Mid Med Bank, bhal azzjonisti u diretturi kienu specifikaw l-attur bhala l-awditur tas-socjeta' u specifikawh fl-*Articles* tas-socjeta' meta giet registrata. Mis-sena 2007 l-attur dejjem mexxa l-*istatutory audits* tas-socjeta' konvenuta.

Fis-socjeta' konvenuta imbaghad spiccaw zewg azzjonisti Frank Schembri u x-xhud stess peress illi Frank Schembri xtara l-ishma ta’ Joseph Vassallo u b’hekk spicca b’sitta u sittin punt sitta fil-mija (66.6%) ta’ l-ishma kollha. Fit-30 ta’ Marzu, 2007 Frank u x-xhud l-uniku zewg diretturi awtorizzaw lil attur permezz ta’ *Letter of Engagement* iffirmata mit-tnejn biex jikkonduci l-verifika ghas-sena finanzjarja tas-socjeta' konvenuta li ghalqet fil-31 ta’ Dicembru, 2006.

Ix-xhud jghid illi hu fizikament ra lill-attur jaghmel il-verifiki fl-ufficini ta’ Frank Schembri & Sons ltd minn fejn is-socjeta' Hal Far Quarries Ltd kienet tmexxi l-parti finanzjarja u amministrattiva taghha. Ix-xhud jaf ukoll illi l-attur kien lesta x-xoghol tieghu pero ma kienx ippubblika il-*Financial Statements* peress illi bejn iz-zewg socjetajiet inqala dizgwid kbir u d-diretturi kienu mexjin biex wiehed jittrasferixxi l-ishma tieghu lill-iehor. Ix-xhud jispicca billi jghid illi ghax-xoghol tieghu qatt ma thallas.

Permezz ta’ affidavit xehdet ukoll Chantelle Ciantar fejn iddikjarat illi tahdem fl-ufficju tal-attur. Spjegat illi fil-bidu tas-sena 2007 kienu hargu *Letter of Engagement*

biex id-Diretturi tas-socjeta' Hal Far Quarries Ltd ikunu konxji mir-responsabbiltajiet, obbligi u drittijiet taghhom li johorgu mill-*Statutory Audit* li kien ser jikkonduci l-attur fuq il-kotba tas-socjeta' konvenuta ghas-sena 2006. Id-Diretturi kienu ffirmaw u ghalhekk qablu li l-attur kellu jkomplu bix-xoghol.

L-imsemmi *Statutory Audit* sar b'hafna mix-xoghol isir fil-*premises* ta' Frank Schembri & Sons Ltd peress illi d-dokumentazzjoni tas-socjeta' Hal Far Quarries kienet kollha tinzamm hekkhekk. Ix-xoghol relatat mal-*Statutory Audit* ghas-sena 2006 sar kollu, tant li saru t-testijiet, l-analizi u l-kontrolli kollha sabiex il-verifika tkun finalizzata kif ukoll ingabru l-*Audit Working Papers* sabiex l-*Statutory Audit* jigi finalizzat.

Giet ipprezentata x-xhieda ta' Dr Kenneth Grima liema xhieda taghmel parti minn kawza fl-istess ismijiet bin-numru 936/08. F'din ix-xhieda Dr Grima qal illi huwa l-Avukat ta' Schembri Group of Companies ilu hekk mis-sena 1987. Kien involut ukoll fil-formazzjoni ta' Hal Far Quarries Ltd. Din il-kumpanija kienet maghmula minn tlieta min-nies u eventwalment Frank Schembri xtara terz iehor biex b'hekk ghandu share ta' 2/3 waqt illi Gaetano Ciantar ghandu share ta' terz. F'xi zmien inqala dizgwid bejn Frank Schembri u Gaetano Ciantar u kien hemm tahditiet sabiex Ciantar ibiegh sehmu lil Frank Schembri ukoll. Il-parir tal-Avukat kien illi Schembri jhalli lill-Ciantar igib stima tal-prezz tieghu kif suppost.

Id-dizgwid imsemmi kien fis-sens illi Frank Schembri kien jahseb illi l-attur bhala *accountant* tal-kumpanija kien qed jigbed il-linja ta' Ciantar u wahda mir-ragunijiet kienet illi t-tifla ta' Gaetano Ciantar tahdem bhala segretarja personali ta' l-attur. Frank Schembri kien tilef il-fiducja kompleta f'dan l-*accountant* u sussegwentement tkecca. Kif hareg ukoll illi meta nharget l-istima ta' sehem Ciantar mahduma mill-attur, skond *accountant* iehor din iktar mid-doppju ta' kemm kellha tkun l-istima korretta. Filfatt ix-*share transfer* sar fuq nofs jew inqas min-nofs ta' l-istima li kien ghamel l-attur.

Il-kumpanija konvenuta ghalhekk tirrifjuta li thallas lill-*accountant* ghar-raguni li ma kienx imqabbad mill-Kumpanija imma fl-interess ta' min kien ser ibiegh u cioe Ciantar u l-kumpanija ma kienitx lesta li thallas ghal

xoghol maghmul b’mod li l-istima giet gholja esagerata li n-negozju ma setghax isehh.

Xehed ukoll Mario Vella billi pprezenta xhieda li kien ta’ fil-kawza 936/08. Dan ix-xhud huwa l-*financial controller* ta’ Schembri Group inkluz tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta dejjem kellha problema ta’ *cash flow* u fl-ahhar tas-sena 2006 kienu waslu f’punt fejn il-kumpanija l-ohra ta’ Schembri Group ma setghux jibqghu jissaportu din il-kumpanija u ghalhekk ix-xhud ta’ pariri tieghu ghal injezzjoni ta’ capital f’din il-kumpanija. L-attur kien ta’ parir kontra dak tieghi u sostna li l-kumpaniji l-ohrajn kellhom jiffinazjaw lil din il-kumpanija. Spejga illi kieku imxew lejn id-direzzjoni li jippumpjaw iktar flus f’din il-kumpanija, d-direttur Ciantar la kien f’posizzjoni u lanqas f’qaghda finanzjarja li jaghmel dan. Ghalhekk kien ser ikun id-Direttur Schembri li jinjectja l-fondi pero fl-istess hin Carmelo Ciantar ma xtaqx illi x-*shares* tieghu fil-kumpanija jkomplu jitnaqqru. Dan billi jitnaqqar mhux ix-*share valuation* imma x-*share percentage* li Ciantar kellu fil-kumpanija.

Dan ix-xhud qal illi hadd u minn ebda kumpanija ma ta' struzzjonijiet sabiex l-attur jaghmel ix-*share valuation* ta’ Hal Far Quarries. Eventwalment Ciantar biegh is-sehem tieghu lil Frank Schembri ghal madwar terz tal-valuation li hareg biha l-attur. Dan ix-xhud qal illi meta l-attur hareg il-kont baghatuh lura ghaliex hadd minn Hal Far Quarries ma inkarigah ghal dan ix-xoghol.

Xehed ukoll Frank Schembri billi pprezenta xhieda li kien ta’ fil-kawza 936/08. Ix-xhud qal illi huwa d-Direttur tal-kumpanija konvenuta. Fiz-zmien li ghalih qed jintalab il-hlas l-attur kien jaghmel ix-xoghol ta’ awditjar tal-kumpanija u ta’ dan ix-xoghol dejjem thallas. Meta baghat il-kont dwar *valuation* li saret minnu tal-kumpanija konvenuta meta l-azzjonisti f’din il-kumpanija kienu tnejn Schembri u Ciantar. Eventwalment Ciantar biegh is-sehem tieghu lil Schembri . Dan wara li kien hemm zmien illi l-kumpanija kellha bzonn *cash injection*.

Wara dan ix-xhud tilef il-fiducja li kellu fl-attur u ma baqax jimpjegah iktar peress illi deherli li iktar kien jigbed li Ciantar u mhux fl-interess tal-kumpanija. Dan ix-xhud sar jaf dwar il-valuation tal-kumpanija meta ntbaghat il-kont. Meta Ciantar staqsa jekk ix-xhud hux ser ihallas lil

attur ix-xhud qallu li la darba nkarigah hu allura kellu jhallsu hu.

Mistoqsi x’inhi r-relazzjoni bejn Ciantar u l-attur ix-xhud spjega li dawn huma hbieb tant illi t-tifla ta’ Ciantar tahdem ma’ l-attur. Ix-xhud jghid illi mal-attur iltaqa darba fil-kwalita tieghu ta’ awditur u dan meta kienu ser jinghalqu l-kotba tal-istess kumpanija.

Ix-xhud kompla jghid illi x-*share valuation* li ghamel l-attur qatt ma gie f’idejh u qatt ma raha. L-ammont li hallas ghax-*shares* kien ta’ tlett mija u hamsin elf u dan l-ammont wasal bl-esperjenza li ghandu x-xhud ta’ tletin sena f’dan ix-xoghol.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jikkunsidra illi din hija kawza sabiex l-attur jithallas tax-xoghol ta’ awditjar li ghamel ghas-sena li taghlaq 2006. Illi mill-provi u d-dokument li pprezenta l-attur dan ix-xoghol sar u dan wara li giet iffirmata l-*Letter of Engagement* mill-kumpanija konvenuta.

Min-naha l-provi migjuba mis-socjeta' konvenuta ma ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kawza odjerna peress illi jikkoncernaw hlas ta’ *valuation* tal-kumpanija konvenuta u servew biss biex urew animosita da parti tas-socjeta' konvenuta versu l-attur liema animosita waslet sabiex is-socjeta' konvenuta timpika mal-attur u ma thallsux. Imkien fix-xhieda tas-socjeta' konvenuta ma 'ssemma l-*accounts* imma ssemmew biss il-*valuation* tas-socjeta' konvenuta meta kienu qed isiru tahdiet ghal *share transfer*.

Ghaldawn il-motivi peress illi ma ngiebu l-ebda provi mis-socjeta' konvenuta sabiex jikkontradixxu it-talba u l-provi migjuba mill-attur it-Tribunal iqis illi l-attur jirnexxilu jipprova l-kaz tieghu ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u erbgha u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€824.60) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali u cioe tat-13 ta’ Awissu, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz l-ispejjez tal-Itta Ufficjali numru 3359/2008 ikun a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------